VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,009, 28 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 485 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 387 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Is-sotto-paragrafu (d) li ġej għandu jiżdied wara s-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(d) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Pharmaceutical Science) miksub bi klassifikazzjoni tat-fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar; jew"

4. Is-sottoparagrafi (d) sa (f) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala s-sottoparagrafi (e) sa (ġ).